MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 1301/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**vs**

**Carmelo Bianco (Carmelo Antonio)**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmelo Bianco (Carmelo Antonio) ta’ 38 sena, bin il-mejjet Joseph u Pia Camilla nee Zammit, imwieled Birkirkara fil-25 ta’ Jannar, 1968 u residenti fil-fond ‘St Anthony’, Triq J. Mamo, Ta’ Paris, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 44368(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-24 ta’ Settembru 1998 u fis-snin u xhur ta’ qabel, f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra mhux maghrufa, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe’ billi stampa numru tax-chassis falz li jaqra ‘JF1KD5MROCC008142’, u anke billi stampa numru tal-makna jaqra ‘30153’ li jappartjeni ghal-vettura differenti tal-ghamla Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni originali DBE 736, fuq vettura tal-istess marka Subaru J10 bin-numru originali mhux maghruf;

Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe’ billi stampa numru tax-chassis falz li jaqra ‘JF1KD5MROCC008142’ u anke billi stampa numru tal-makna jaqra ‘30153’ li jappartjeni ghal-vettura differenti tal-ghamla Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni originali DBE 736, fuq vettura tal-istess marka Subaru J10 bin-numru originali mhux maghruf;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehduha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u li jikkonsistu f’vettura tal-marka Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni DBE 736 (numru originali mhux maghruf).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 31 ta’ Awwissu 2007 (esebita a fol. 175 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 187, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta’ Novembru 2008, l-imputat Carmelo Bianco (Carmelo Antonio) ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma dawn li gejjin. “Fuq talba bil-miktub tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport (datata 2 ta’ Mejju 2005) wara talba lilhom maghmula minn Julian u ibnu Angelo Baldacchino minn B’Bugia, il-Pulizija kienu spezzjonaw vettura tal-marka Subaru J10) bajda bin-numru tar-registrazzjoni ‘DBE 736’ li kienet garaxxjata mal-Awtorita’ Dwar it-Trasport, liema spezzjoni kienet saret fil-garaxx tal-Pulizija il-Furjana fit-30 ta’ Mejju 2005. F’din l-ispezzjoni instab li l-vettura kellha numru tax-chassis stampat jaqra’: ‘JK1KD5MROCC008142’ liema numru mad-daqqa t’ghajn kien jidher wiehed originali fih in-nifsu, ghalkemm setgha jigi nnutat li mad-dawra tal-lokazzjoni tieghu minn naha ta’ wara taht ix-xibka ta’ taht il-wipers li jigi ezatt taht il-windscreen ta’ quddiem, kien hemm qata’ mad-dawra kollha tieghu li tindika b’mod car li din il-parti ta’ fejn hemm in-numru tax-chassis kienet giet maqtugha barra u regghet giet iwweldjata parti ohra fl-istess vojt b’mod malizzjuz minflok l-originali, u li giet irtukkjata bil-filler u sprejjatha min naha ta’ quddiem fil-faccata halli x-xoghol tal-qtugh u twahhil ma jidhirx meta tiftah il-bonnet ta’ quddiem u thares lejn in-numru. Din il-vettura suppost li jkollha ukoll l-istess numru tax-chassis li jikkorrispondi ma’ dak li jkun hemm stampat, u dan suppost li jkun ukoll fuq pjanca irrivittjatha mall-faccata fejn dak stampat, pero’ din il-pjanca kienet nieqsa. Dwar in-numru tal-magna li suppost ukoll ikun stampat dirett fuq il-blokka u fuq jkun hemm sticker bl-istess sensiela ta’ numri, instab li huwa wkoll imbghabas u n-numru kien jaqra’: ‘30153 EF 10’, fejn id-digits ‘EF10’ jindikaw il-

mudell tal-magna u jkunu komuni ghal-magni simili u dawn kienu jidhru li ghandhom l-originali u anke ikbar fil-qies taghhom, mill-kumplament tan-numru ‘30153’ li kienu izghar u anke mhux f’linja wahda kif suppost ikun numru tal-magna originali ta’ dan it-tip. Fil-fatt in-numru ‘0’ kien jidher li meta gie stampat dan inghata aktar minn daqqa wahda biex sar u dan kien jindika li n-numri saru manwalment mentri dawk originali jkunu saru bil-makkinarju u jkunu f’linja perfetta u aktar puliti. Wara li l-vettura kienet giet elevata mill-Pulizija ghall-aktar investigazzjonijiet saru xi ezamijiet forensici ex-parte minn PC 1525 Patrick Farrugia sabiex jittella n-numru originali li kien xi darba taht dak li kien qed jidher, u dan peress li kien jidher li l-lokazzjoni tan-numru giet iggrajndjata u gew imhassra n-numri originali, u minflokhom gew stampati sensiela ta’ numri godda. Fil-fatt ghalkemm PC 1525 irnexxielu jtella’ xi tracci zghar ta’ numri dawn ma kienux bizzejjed sabiex jigi stabbilit in-numru originali x’kien. Dwar in-numri tax-chassis ukoll sar tindif mad-dawra tieghu min-naha tal-faccata u gie stabbilit li n-numri minnhom infushom ma humiex imbaghbsin, pero’ mad-dawra taghhom kien hemm qata’ shiha dawra mejt u sinjali ta’ fejn giet iwweldjata il-pjanca kompluta bin-numru mill-gdid.

Waqt il-kors tal-investigazzjoni kien gie mitkellem sid din il-vettura, Julian Baldacchino minn B’Bugia, li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta’ Jannar 2007 fejn dan spjega fid-dettal kif f’Gunju 2002 kien xtara s-Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni DBE 736 minghand certu Carmelo Grima li hu dealer tal-karozzi armat Valley Road B’Kara bl-isem ta’ ‘Rocky Auto Deaer’ ghall-prezz ta’ madwar Lm1,580, liema somma huwa kien hallas cash. Baldacchino qal li din il-vettura kien xtraha bhala rigal lil ibnu Angelo u wara xi sena u nofs li kien xtraha ghall-habta ta’ Jannar 2004 beda’ johrogilha xi sadid taht il-windscreen u meta hadha ghand panel beater kien induna li l-pjanca fuq wara tan-numru tax-chassis kienet maqtugha b’mod mhux pulit u cioe’ imcarta, u sussegwentement il-panel beater kien talbu biex inehhi l-vettura mill-garaxx tieghu ghax kien jidhol fl-inkwiet hu. Wara, Julian Baldacchino kien mar ghand ir-‘Rocky Auto

Dealer' fejn dan min-naha tieghu kien offra li jiehdu ghand dealer iehor, li rrizulta li huwa l-imputat Carmelo Bianco, ghax din il-vettura kienet inxtrat minghand l-imputat qabel ma nbieghet lil Carmelo Grima tar-rocky Autodealer. Meta Baldacchino u Grima marru ghand Bianco dan qalilhom li hu ma kellux x'jaqsam u kien qallilhom li dik il-vettura kien bieghha lil certa Fiona Mc Keown u kien qalilhom biex imorru erbat ijiem wara halli jsib id-dettalji ta' din Fiona, pero' meta kienu regghu marru ghand Bianco dan qallhom li kien ghadu ma sabhomx u hawn Grima beda' jargumenta ma' Bianco ghax dan ma riedx jikkopera maghhom. Meta raha s-Subaru J10, Bianco qalilhom li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-bicca xoghol ghax hu kien ilu 10 snin illi heles minn din il-vettura pero' skond Baldacchino, Grima kien baqa jinsisti li t-tbaghabis kien sar minn Bianco, pero' di parti tieghu skond Baldacchino, Bianco kien qalilhom li t-tbaghabis seta' sar mill-gharus li kellha din Fiona Mc Keown. Sussegwentament, irrizulta li Grima kien ipprova jghin lil Baldacchino peress li dan kien jaf lilu l-aktar dwar din il-vettura ghax minghandu kien xtraha, u rnexxielu jsib ghand min kienet qabel Bianco, li rrizulta li kien panel beater bl-isem ta' Michael Casha' minn Hal Qormi u li dan kien ikkonfermalu li kien xtara din il-vettura bid-daqqa wara u quddiem u li qabel ma beda' jsewwiha kien bieghha. Baldacchino u Grima kienu wkoll kellmu lil din Fiona McKeown li qaltilhom li kienet xtrat is-Subaru minghand Bianco ghall-prezz ta' madwar Lm3000 ghax Bianco kien qalilha li kienet vettura gdida. Sussegwentement Baldacchino kien ghazel li jiggaraxxja din il-vettura mal-ADT kif ghalqitlu l-licenzja taghha ghas-sena 2004 u attenda ghand l-ADT u wara gie rreferut ghand il-Pulizija halli jispezzjonaw il-vettura.

Michael Casha l-panel beater li minghandu xtara l-vettura l-imputat u li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar 2007 ikkonferma li madwar 8 jew 10 snin qabel kien xtara 'Subaru J10 griza_metallic bid-daqqa kemm wara u kemm quddiem_minghand 'GasanMamo Insurance' u li kien qallu biha surveyor tal-istess insurance, certu Joe Buttigieg. Casha stqarr li kien ra din is-Subaru bid-daqqa ghand certu Paul Pullicino tat-'TPG Ltd' ta' Hal Qormi pero' taghha kien hallas lil Insurance il-

prezz ta’ madwar Lm200 jew Lm300. Qal ukoll li kienet ghadha bil-magna tahdem u li kienet sistema automatic. Ghalkemm Casha kellu hsieb li jirranga din il-vettura halli jerga’ jbieghha, kien gie jaraha l-imputat Bianco fil-garaxx Hal Qormi wara li kien staqsieh ghandux xi karozza bid-daqqa, u kien xtraha hu ghal-madwar Lm500 bid-daqqa kif kienet u automatic u biex hadha minghand Casha, Bianco kien ittowjaha. Casha qal li ma kien ghamel l-ebda xoghol fuq din il-vettura minn meta giet ghandu sakemm bieghha lil Bianco. Bianco kien hallsu cash taghha u kien sar it-transfer ghand l-ADT minn fuq isem Casha ghal fuq l-imputat Bianco. Sussegwentement, in vista’ li Casha kien qal li l-vettura li kellu hu u li biegh lil Bianco kienet griza metallic u mhux bajda, u li kienet b’sistema automatic mhux manual bhal li Bianco kien biegh lil Fiona Mc Keown, u wara din bieghhieta lid-dealer Grima, Michael Casha kien gie muri din is-Subaru J10 ghand il-Pulizija fejn kien spezzjonaha hu, u qal li kien cert li ma kienetx l-istess vettura li kienet ghandu u li kien biegh lil Bianco minhabba d-diskrepanzi li gia semma’, u anke ghax ma kienu jidhru l-ebda sinjali tat-tiswijiet li kien ghamel hu fuqha u li kieku kienet l-istess vettura zgur li kien jarafha. Barra minn hekk bhala panel beater tal-esperjenza meta ra din il-vettura ghand il-Pulizija Casha qal li din qatt ma setghet kienet griza bhal li kellu hu ghax din kienet tidher li hi kulur abjad tal-fabbrika.

Mill-provi rrizulta li s-sid precedenti ta’ din is-Subaru J10 qabel ma giet f’idejn Casha kien Arthur Chalker minn Hal Kirkop li kien wiehed mis-sidien precedenti ta’ din is-Subaru J10 griza automatic u li erbatax-il sena qabel waqt li kienet ipparkjata Bugibba dahal go fiha pick up u gabha total loss u bid-daqqa giet firma ta’ ‘L’.

<u>Stqarrija ta’ Fiona Mc Keown</u>

L-imputat Carmelo Bianco kien gie mitkellem mill-Pulizjia dwar dan il-kaz f’zewg okkazjonijiet fejn irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 23-31 tal-atti processwali) u anke muri is-Subaru J10 in kwistjoni ghand il-Pulizija f’Sant Andrews,

fejn dan qal li li kien xtraha madwar seba’ snin ilu minghand tellar, certu Michael Casha minn Hal Qormi u kienet bi hsarat sostanzjali wara u quddiem imma kellha magna tahdem. Il-magna kienet automatic u kienu ftiehmu fuq prezz ta’ Lm800. Bianco kien talab lil Casha biex isewwijielu hu, imma Casha qallu li ma kellux cans. Kien ittowjahielu certu wiehed maghruf bhala is-‘Snobby’ minn Hal Qormi li llum miet u s-Subaru ittiehdet fil-garaxx tas-‘Snobby’ stess f’Hal Qormi ghat-tiswija. Bianco stqarr li kienu inbidlulha diversi parts, fosthom il-gearbox ghax kienet mifqugha imma magna halla l-istess wahda li kellha ghax kienet tajba. Damet tissewwa madwar 3 gimghat jew xahar, u t-tiswijja giet tiswa’ Lm1,300. Skond Bianco meta kienet inbidlet il-gearbox saret wahda minn automatic ghal manual. Kien qal ukoll li wara dan ix-xoghol kienet giet sprejjata minn griza ghal-bajda imma ma kienx bidel il-kulur fuq il-log book mal-ADT. Bianco kompla jghid li fl-1998 kien bieghha lil Fiona Mc Keown meta partatielha ma’ Renault Campus li kellha hi u kellha zzidu Lm3,000 ohra maghha, u accettat li thallsu f’pagamenti ta’ Lm78 fix-xahar ghal-4 snin. Qal li darba kien mar ghandu dealer iehor, Carmelo Grima u ibnu Darren tar-‘Rocky Auto Dealer’ ta’ Valley Road, B’Kara, u talbuh il-cancellation ta’ din is-Subaru J10 pero’ kien qalilhom li kien ghad baqalu jiehu xi flus minghand Fiona Mc Keown u fil-fatt kien baghat lil Fiona Mc Keown ma’ ‘Rocky Auto Dealer’ ghand il-bank biex tigi issetiljata il-loan u jergaw imorru ghandu halli jissetiljaw il-cancellation. Fil-fatt skond Bianco jidher li dawn kienu illetikaw mieghu u dan peress li Bianco qalilhom li kien ghad baqalu jiehu xi flus b’lura minghand Mc Keown pero’ din kienet marret ghandu wara xi tlett ijiem u hallset il-kumplament u Bianco hargilhom il-cancellation li kellhom bzonn biex ikunu jistghu idawru l-vettura fuq Baldacchino li lilu kienu bieghuha. Bianco kompla jghid li xi sitt xhur qabel ma gie mitkellem mill-Pulizija, kienu regghu marru ghandu Carmelo Grima u persuna ohra li kien xtara s-Subaru minghand Grima, cioe Julian Baldacchino, u qalulu li kellhom problema kbira bis-Subaru minhabba li sabu li ghandha chassis number imbaghbas. Bianco kien qalilhom li dik kien bieghha madwar 7 snin qabel pero’ quddiem sid is-Subaru ma setghax jghid lil Carmelo Grima li dik is-Subaru kien

bieghha hu wara li kien sewwiha mid-daqqiet li kellha, ghalkemm meta sabu wahdu lil Grima kien qallu b'dan. F'okkazzjoni ohra, Bianco qal li sid is-Subaru kien mar darba ohra ghandu, din id-darba bis-Subaru u talbu biex jara' hu fejn ghandha t-tbaghabis fin-numru tax-chassis imma Bianco qal li ghalkemm kien ittawwal u nnota li kien hemm xi ticrita fil-pjanca taht il-windscreen, hu ma qaghdx jifli l-karozza ghax din kienet ipparkjata f'nofs ta' triq, u lil Baldacchino, Bianco qallu li ma setghax jghid kienetx l-istess wahda li qabel kienet ghandu jew le. Bianco kompla jghid li meta hu kien bieghha lil Fiona Mc Keown din is-Subaru, kienet bajda kif kien sprejjaha hu ghalkemm kien nesa' jaqlilbilha l-kulur minn griza mall-ADT, u li meta xtraha hu minghand Michael Casha it-tellar, kienet iggaraxxjatha mall-ADT u wara li lesta x-xoghol kien hargilha numri godda hu u ma hallijiex iggaraxjatha izjed mall-ADT. Meta Bianco kien gie muri din is-Subaru fil-pussess tal-Pulizija u kien anke flijha sewwa fil-prezenza taghna, kien qal li ghalkemm bhal li kellu hu, kien jidher li nbidlulha xi parts fosthom bonnet u gnubijiet u dan wara li dawn gew indikati lilu mill-Pulizija stess bhala li kienu partijiet mibdula mis-sid li xtraha wara. Kien gie indikat lilu l-post fejn hemm it-tbaghabis kemm tan-numru tax-chassis u anke tan-numru tal-magna u hu kien qal li hu ma kien baghabas xejn u lanqas qatt ma kien ta xi struzzjonijiet lil hadd biex jaghmel xi tbaghabis. Bianco baqa' jinsisti li x-xoghol kollu li kien sar fuq din il-vettura kien sar mis-'Snobby' ta Hal Qormi, inkluz, il-bdil tal-gearbox ghal wahda manual u bdil tal-kulur minn griza ghall-abjad. Qal ukoll li hu kien imur perjodikament jara' x-xoghol isir fuq din is-Subaru ghand is-'Snobby' Hal Qormi. Meta l-imputat gie mistoqsi dwar il-fatt li s-Subaru J10 li kien biegh lil Fiona Mc Keown kienet wahda differenti minn dik li hu kien xtara minghand Michael Casha u li kien hemm suspett ragonevoli li kien hu li biddel il-parti tan-numru tax-chassis tal-vettura automatic griza u mahbuta ma' dik tal-bajda, u li kien hemm suspett li hija wahda misruqa u li setghet kienet dik misruqa minghand certu Robert Chetcuti, l-imputat baqa' jinnega u jsostni li dik is-Subaru li hu kien biegh lil Fiona Mc Keown kienet l-istess wahda li hu kien sewwa ghand is-'Snobby' wara li xtraha bid-daqqa minghand Casha.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 182 sa 195 tal-atti processwali fejn essenzjalment ikkonferma il-verzjoni tal-fatti minnu moghtija fl-istqarrija nserita a fol. 28 sa 31 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi l-espert tekniku Joseph Zammit mahtur minn din il-Qorti permezz ta' digriet tal-4 ta' Mejju 2007 xehed u prezenta r-rapport tieghu fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2007 fejn wara li ezamina il-vettura tal-marka Subaru J10 esebita formalment in atti huwa kkonkluda s-segwenti:-

Illi l-vettura li l-esponent ezamina fil-25 ta' Mejju, 2007, fil-Police Compound ta' St. Andrews hija dik lilu indikata mill-Ispettur Prosekutur li hija dik tal-marka Subaru ghamla J10.
Illi din il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni miktub fuq bictejn kartun imwahhlin fil-post li kienu jindikaw li din il-vettura kellha numru DBE-736.
Illi dan l-istess numru kien jidher fuq il-licenzja (road licence) imwahhla mall-windscreen ta' quddiem.
Ili fuq din l-istess licenzja kien jinsab indikat VIN li huwa parti mill-istess chassis number li jinsab fuq l-istess vettura u cioe' 008142.
Illi l-post tax-chassis number jinsab bi tbaghbis billi dan il-post jinsab maqtugh u fil-post tinsab iwweldjata bicca pjanca b' chassis number originali jaqra JFIKD5KROCC008142.
Illi dan il-qtugh u welding huwa vizibbli sewwa kif jirrizultaw minn ritratti li l-esponent gibed u qed jannetti ma' dina r-relazzjoni tieghu.
Illi din il-vettura tinsab armat b'sistema ta' manual transmission originali.
Illi ma nstabu l-ebda provi li fuq din il-vettura kien sar xi xoghol ta' xi riparazzjoni jew bdil ta' panels ghajr ghat-tbaghbis tal-post tax-chassis number u bdil tal-bonnet lid.
Illi fuq in-numru tal-magna wkoll instab tbaghbis konsistenti fi grinding tan-numru originali u fuqu gie ippjancat in-numru prezenti.

Illi din il-vettura tibsab f’kundizzjoni originali u funzjonabbli ghajr ghall-batterija taghha li hija discharged.
Illi l-unika tibdil li l-esponent sab fuq din il-vettura huwa l-ghatu tal-magna (bonnet lid) liema ghatu instab mizbugh minn taht b’zebgha kulur ahmar minn liema kulur ma kien jirrizulta imkien aktar fuq din il-vettura, la fuq gewwa u lanqas fuq barra.
Ghalhekk, l-espert tekniku ikkonkluda li fuq din il-vettura jinsab tbaghbis fuq dak li huwa chassis number u fuq dak li huwa engine number kif fuq spjegat.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta’ falsifikazzjoni u ghoti ta’ dikjarazzjoni falza lil awtorita’ pubblika kontemplati fl-Artikoli 187, 188 u 189 tal-Kodici Kriminali kif ukoll bir-reat ta ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li ebda wahda minn dawn l-akkuzi ma tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti ser tibda’ mill-ahhar akkuza u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni. Mill-provi kull ma rrizulta huwa li fl-5 ta’ Awissu 1998 insterqet vettura tal-marka Subaru J10 u ta’ kulur abjad u bin-numru tar-registrazzjoni EAP 418 minn Guardamangia izda bl-ebda mod ma rrizulta li din il-vettura hija l-istess wahda li tinsab esebita formalment in atti. Meta xehed sid din il-vettura Robert Chetcuti (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 71 sa 72 tal-process) dan ikkonferma li kienet insterqitlu l-imsemmija vettura li kien halla startjatha u bic-cwievet fiha sakemm dahal ghal ftit sekondi f’hanut. Huwa qal ukoll li l-vettura kienet petrol u manual izda spjega wkoll li meta gie muri l-vettura tal-marka Subaru J10 fil-compund tal-Pulizija f’St. Andrews huwa ma setghax jidentifika dik il-vettura bhala l-vettura li nsterqitlu stante li ma kien hemm ebda sinjali partikolari li setghu jghinuh jaraf il-vettura lilu murija bhala dik lli nsterqet. Fil-fehma tal-Qorti kull ma jirrizulta in kwantu jirrigwarda l-akkuza ta’ ricettazzjoni huwa li l-vettura propjeta’ ta’ Robert Chetcuti li nsterqet fil-5 ta’ Awwissu 1998 possibilment kienet l-istess vettura li fuqha sar it-tbaghbis izda dan bl-ebda mod ma jista’ jitqies

bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Carmelo Bianco kellu fil-pussess tieghu din il-vettura jew li l-vettura li huwa biegh lil Fiona McKeown kienet l-istess vettura misruqa minn Guardamangia fil-5 ta' Awissu 1998.

L-istess haga jinghad in kwantu jirrigwarda l-akkuzi ta' falsifikazzjoni u ghoti ta' dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika. Ghalkemm irid jigi premess li fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti rrizulta li l-Prosekuzzjoni nvestigat dan il-kaz b'mod akkurat u diligenti fejn irnexxielha tohloq katina dwar l-origini tal-vettura li rraporta dwarha Julian Baldacchino l-Qorti jidrilha li hemm holoq nieqsa fl-imsemmija katina, kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza waqt is-sottomissjonijiet finali minnha maghmula, liema holoq nieqsa ihallu dubju ragjonevoli f'mohh il-Qorti li t-tbaghbis fix-chassis u fl-engine number setghu saru kemm mill-imputat waqt li l-vettura kienet fil-pussess tieghu izda setghu saru wkoll minn xi haddiehor li kellu l-pussess tal-vettura sakemm din waslet ghand Julian Baldacchino. Meta xehdet Fiona McKeown f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar 2007 hija fl-ebda hin ma gharfet il-vettura li tinsab esebita formalment in atti bhala l-istess vettura li hija kienet xtrat mingahnd l-imputat u li sussegwentement bieghet lil Carmelo Grima tar-Rocky Auto Dealer. Inoltre meta xehed Michael Casha f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar 2007, u cioe il-persuna li minghandu l-imputat xtara ir-wreck tal-vettura griza tal-marka Subaru J10 automatic, ghalkemm huwa preciza li l-vettura li ra fil-compund tal-Pulizija f'St'Andrews ma kienitx l-istess wahda li huwa biegh lill-imputat huwa qal ukoll li wara lli kien kellem lill-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f'dan il-kaz kien ftakar li xi zmien qabel kien mar ikellmu dealer isejhulu r-Rocky u li ismu ma jiftakrux li kien akkompanjat minn ragel iehor fejn dawn wrewh Subaru J10 bajda u talbuh jekk setghax jibdel il-pjanca tac-chassis u huwa jghid li rrisponda fin-negattiv. Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li sar tbaghbis fic-chassis u fl-engine number tal-vettura esebita formalment in atti kif ukoll li din il-vettura qatt ma setghat kienet griza jew automatic izda ma rnexxilhiex

tipprova bl-istess mod li tali tbaghbis gie effetwat mill-imputat Carmelo Bianco waqt li l-vettura kienet fil-pussess tieghu. Dan jinghad ghaliex ma jistghax jigi eskluz li tali tibdiliet gew effetwati minn haddiehor fil-katina li waslet il-vettura minghand Bianco ghal ghand Julian Baldacchino.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------